MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1512/1996/1

**Luciano Martinelli ghan-nom ta’ Mirage Holdings Ltd**

**Vs**

**Vincent u Antoinette konjugi Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ Lm663.44 (sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin, u erba u erbghin centezmu) prezz ta’ merkanzija lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjati, kif ukoll l-ammont ta’ (Lm30) tletin lira bhala imghaxijiet kummercjali. Bl-ispejjez kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 8 tal-atti) u li biha eccepew:

1. Illi l-eccipjenti mhumiex debituri tas-socjeta attrici u ghalhekk il-pretenzjoni attrici hija nsostenibbli.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni talvolta spettanti lis-socjeta' attrici ddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwenali.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-eccezzjoni preliminari hawn fuq specifikata ossija l-preskrizzjoni tal-azzjoni in esami bit-trapass ta' hames snin, presumibilment, skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jirreferi ghal azzjonijiet ghall-hlas ta' kwalunkwe debitu "…. ensuing from commercial transactions". Di fatti l-konvenut xehed (fol 34 et seq ibid) li kien minnu li kien jixtri, minghand l-attur nomine, l-hekk imsejjha "white goods' u dan '…. sabiex nerga' nbieghom on rental basis' minn go hanut li kelli f'San Gwann'. Dwar dan, hu kompla jghid "L-ahhar li xtrajt minghand is-socjeta attrici kien matul in-1988 bl-ahhar hlas jsir matul l-istess sena". Difatti l-konvenut sostna li kien ghalaq l-istess hanut fl-1989 (dwar dan ara ukoll ix-xhieda ta' Gaetano Marmara a fol 38 tal-atti).

Sussegwentement, hu kien irceva "karta' minghand is-socjeta attrici u fiha kien gie allegat li kellu jaghti lill-istess socjeta, s-somma ta' Lm600. Dwar dan hu kien ikkomunika ma din u sostna li kien hallashom 'in full'.

Illi ta' minn jaccenna ghall-fatt li meta xehed Luciano Martinelli (fol 17 u fol 18 ibid), dan, sempliciment, qal li l-konvenut, li hu kummercjant, kien ghadu debitur tas-socjeta attrici fis-somma specifikata fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi l-avviz in esami kien gie presentat fl-20 ta' Dicembru 1996, minghajr ma gie precedut b'xi att gudizzjarju ta' kwalunkwe xorta. Inoltre, bl-ebda mod, ma gie pruvat li l-konvenuti ammettew jew irrikonoxxew id-debitu allegat.

Illi, ghalhekk, jidher evidenti li din l-azzjoni hi preskritta skond l-eccezzjonijiet sottomessa, billi skadew aktar minn hames snin bejn meta kien esegibbli l-istess debitu fl-1988 u l-presentata tal-avviz in esami, waqt li jinghad ukoll li l-konvenut xehed li ma kellu jaghti xejn lill-attur nomine.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari kif proposta mill-konvenuti u tiddikjara din l-azzjoni bhala preskritta u estinta.

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------